AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR162407, Press Release Issue Date: Oct 31, 2016

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta’ Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed), l-imsemmijin prodotti m’għandhomx jiġu kkunsmati minħabba li nstab li fihom sulfati mhux iddikjarati u mhux awtorizzati.

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-prodott:** | **Laħam taċ-ċanga kkapuljat** |
| **Ditta:** | **Zenbo** |
| **Użin:** | **1000g** |
| **Data tal-produzzjoni:** | **Dati bejn l-24/10/2014 u l-24/10/2016** |
| **Oriġini** | **L-Olanda** |




| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal prodott** | **Laħam tal-majjal kkapuljat** |
| **Ditta:** | **Zenbo** |
| **Użin:** | **1000g** |
| **Data tal-produzzjoni:** | **Dati bejn l-24/10/2014 u l-24/10/2016** |
| **Oriġini** | **L-Olanda** |




Il-Kumpanija involuta ddikjarat li l-konsenji laħqu nbiegħu, għaldaqstant id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telephone – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera.

Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.